MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 368/2006

**BANK OF VALLETTA PLC**

**vs**

**Martin u Simone miżżewġin BARON**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fit-2 ta' Mejju, 2006, li bih il-Bank attur ippremetta;

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti datati fit-3 ta' Diċembru 1998, fil-21 ta' Ġunju 1999, in atti Nutar Dottor Maurice Gambin u fit-23 ta' Ġunju 2000 in atti Nutar Dottor Pierre Cassar (Dok. A, B u C), is-soċjeta' attriċi ikkonċediet faċilita' bankarja lil konvenuti Martin u Simone miżżewġin Baron;

2. Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Martin u Simone miżżewġin Baron fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf, mija u ħamsa u għoxrin Liri Maltin u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm41,125.71) bilanċ għad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" ta' Martin u Simone miżżewġin Baron mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "D1 sa D3", Dok. "E", u Dok. "F1 sa F81") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-12 t'April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Martin u Simone miżżewġin Baron;

(a) Naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija kuntratti; (b) Kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess konvenuti Martin u Simone miżżewġin Baron li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 23 ta' Frar 2006 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. "G", sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvediment opportuni, is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti datati fit-3 ta' Diċembru 1998, fil-21 ta' Ġunju 1991, in atti Nutar Dottor

Maurice Gambin u fit-23 ta’ Ġunju 2000 in atti Nutar Dottor Pierre Cassar fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Martin u Simone miżżewġin Baron (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Martin u Simone miżżewġin Baron li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

2. Tikkundanna lil Martin u Simone miżżewġin Baron jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ wieħed u erbgħin elf, mija u ħamsa u għoxrin Liri Maltin u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm41,125.71) bilanċ għad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Martin u Simone miżżewġin Baron mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “D1 sa D3”, Dok. “E” u Dok. “F1 sa F81”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-12 t’April 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata 23 ta’ Frar 2006 u tal-Mandati ta’ Sekwestru u ta’ Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-Bank attur;

Rat in-nota mressqa fit-12 ta’ Ġunju, 2006, u n-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum li biha l-imħarrkin ammettew it-talbiet kif dedotti fir-Rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif dedotti fir-Rikors bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mit-12 ta’ April, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------